# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

**MARZU 2022 – Ħarġa Nru: 199**




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## ŻEWĠ OPORTUNITAJIET …

**L-ewwel opportunità:**

Fit-2 ta' Marzu nibdew ir-Randan Imqaddes. Għal kull nisrani din hi opportunità biex jeżamina lilu nnifsu x'tip ta' relazzjoni għandu ma' Alla u mal-proxxmu tiegħu. Jista' jkollna kollox, imma jekk ir-relazzjonijiet tagħna jkunu batuti, l-għan ta' ħajjitna ma nilħquh qatt.

Nistgħu nħarsu lejn ir-Randan bħala sett ta' drawwiet li nirrepetuhom kull sena: irmied, sawm, eżerċizzi, pellegrinaġġi, Via Sagra, vari… Kultant ninsew li dan kollu nagħmluh biex intejbu r-relazzjonijiet tagħna ma' Alla u ma' ħutna.

Tajjeb għalhekk insaqsi ftit: Qed nipprova nifhem aħjar il-pjan t'Alla għalija? Qed nistudja ċ-ċirkostanzi li ngħaddi minnhom biex nara Alla xi jrid jgħidli bihom? U dan minn fejn insir nafhom? Il-Kelma t'Alla hija l-pern ta' kull konverżjoni. Kultant naħseb li sejjer tajjeb f'ħajti, imbagħad ngħaddi minn mumenti iebsin u ninduna kemm għandi bżonn indawwar it-tmun ta' ħajti. U dan hu r-Randan.



Ejjew għalhekk, nirriflettu aħjar fuq il-Kelma t'Alla biex tixħetli dawl fuq l-operat tiegħi. Hi tista' tinkuraġġini fil-mod kif qed ngħix; tista' ċċanfarni u tista' tagħtini direzzjoni ġdida f'ħajti.

**It-tieni opportunità:**

Bejn it-2 u 3 ta' April, fil-qalba tar-Randan se jkollna fostna lill-Q.T. il-Papa Franġisku. Dan hu mument fejn nista' nagħmel eżami tiegħi ta' kemm jiena nħossni parti mill-Knisja Kattolika. Il-quddiesa tal-Ħadd hija t-termometru ta' kull Kattoliku, imma tajjeb ukoll li ninteressa ruħi fl-attivitajiet tal-mexxej tal-Knisja u fuq kollox, fit-tagħlim tiegħu.

Għandna x-xorti li Papa Franġisku jwasslilna kontinwament tagħlim b'mod ċar u sempliċi. Kemm nipprova nsegwi l-ħajja tal-Papa ħalli nkun naf fejn qed iħabbat il-polz tal-Knisja? Jien membru sħiħ tal-Knisja jew inħossni fil-periferija? Nista', permezz ta' din iż-żjara noffri ftit mill-ħin u t-talenti tiegħi ħalli s-Saltna ta' Ġesù tkompli fostna?

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … MARZU 2022

**Erbgħa 2:** **L-Erbgħa tar-Rmied u bidu tar-Randan Imqaddes.** *Jum ta' sawm u Astinenza.* Fit-8.30am quddiesa għat-tfal u l-ġenituri. Fil-quddies kollu jsir it-tqegħid tal-irmied. Fis-6.00pm Konċelebrazzjoni.

**Ġimgħa 4:** *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar.* Fis-7.00pm l-ewwel attività fis-santwarju għall-adolexxenti li se jagħmlu l-Griżma f'Novembru li ġej.

**Sibt 5:** Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet. Fl-okkażjoni ta' Ħadd in-Nies: fil-5.00pm u fis-6.15pm quddies fis-santwarju. Fis-7.15pm il-vara tal-Madonna tal-Grazzja toħroġ fuq iz-zuntier fejn issir Velja Marjana. Tintemm fit-8.15pm bil-barka Sagramentali. Ikun hemm siġġijiet apposta fuq iz-zuntier.

**Ħadd 6:** **L-Ewwel Ħadd tar-Randan u Ħadd in-Nies.** Fid-9.30am quddiesa mmexxija minn Mons. Arċisqof (trażmessa fuq TVM), fejn l-adulti li se jirċevu l-Magħmudija fil-Vġili tal-Għid fil-Katidral, jagħmlu t-talba uffiċjali tagħhom. Quddies ieħor filgħodu jkun fis-6.00; 7.15 u 11.30am għall-Familji. Fis-6.00pm Konċelebrazzjoni ta' Ħadd in-Nies immexxija mill-E.T. Mons. Paul Darmanin OFM. Cap, Isqof Emeritu ta' Garissa.

**Ġimgħa 11:** Fis-7.00pm it-tieni attività għall-adolexxenti tal-Griżma

**Ħadd 13:** **It-Tieni Ħadd tar-Randan**

**Ġimgħa 18:** It-tielet attività għall-adolexxenti tal-Griżma

**Sibt 19:** ***Solennità ta' San Ġużepp Għarus tal-Verġni Marija***. Xieraq li nqaddsu dan il-jum bis-smiegħ tal-quddies. Fis-6.15pm Konċelebrazzjoni ta' radd-il ħajr immexxija minn **Dun Ġużepp Sultana** f'għeluq il-50 sena ta' saċerdozju tiegħu.

**Ħadd 20:** **It-Tielet Ħadd tar-Randan**

**Tnejn 21:** Fid-9.00am jibda kors ta' Eżerċizzi Spiritwali **għal Kulħadd** minn Bro. Miguel Zammit OFM. Cap.

**Ġimgħa 25:** **Solennità tat-Tħabbira tal-Mulej**. Illum infakkru l-inkarnazzjoni tal-Mulej fil-ġuf ta' Marija Verġni.

**Ħadd 27:** **Ir-Raba' Ħadd tar-Randan**

**Ħamis 31:** *Jum il-Ħelsien* – festa nazzjonali u pubblika. Il-quddies ikun bħal nhar ta' xogħol.

**Matul ir-Randan:**

- **Kull nhar ta' Ġimgħa:** Fit-8.10am kant tal-Lawdi (It-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum) fil-kappella tal-Kurċifiss. Wara l-quddiesa tat-8.30am u tas-6.00pm qima lil Ġesù Kurċifiss.
- **Kull nhar ta' Sibt:** Fl-4.30pm kant tal-Għasar (It-Talba ta' Filgħaxija).
- **Kull nhar ta' Ħadd:** Fil-11.30am quddiesa għall-Familji.

### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Virgina Scicluna, Emmanuel Axiaq, Emmanuel Galea, John Psaila, Giovanna Ellul, Grazio Vella, Grezzju Grech, Mary Doris Mizzi, Joseph Camilleri, Emanuela Scicluna, Salvina Dalli, Mary Micallef, Dolores Scerri, Carmel Grech, Josephine Ellul, Mary Lourdes Degiorgio, Matilde Bonello, Raffaela Darmanin, Jessie Calleja.

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*